# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 581/2012**

Il-Pulizija

(Spettur Maurice Curmi)

vs

**Paul Lughermo**

iben Domenic, imwieled Valletta, fil-25 ta' Awwissu, 1955, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 616155(M)

Illum, 18 ta' Ottubru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Paul Lughermo quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1) Talli f'Jannar, 2011 u fil-gimghat u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta'

krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta' €11,000 ghad-detriment ta' Emanuel Cutajar detentur tal-Karta tal-Identita' 62967M;

2) Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' s-somma ta' €11,000 ghad-detriment ta' Emanuel Cutajar, detentur tal-Karta tal-Identita' 62967M;

3) Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi uza' vjolenza jew ikkaguna biza' li kienet se tintuza' vjolenza sabiex igieghel lil Emanuel Cutajar jaghmel, ihalli jsir, jew jonqos milli jaghmel, xi haga b'tali mod li wasal fi hsiebu meta gieghel lil Emanuel Cutajar matul il-perjodu taz-zmien jigbed is-somma totali ta' €11,000 mill-bank BOV u jaghithomlu;

4) Talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' Novembru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 308, 309, 310(1)(a), 293, 294, 251, 251B, 17, 18, 49, 50 u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1) akkuza u ghaldaqstant ikkundannatu tlett (3) snin prigunerija.

Astjeniet mit-tieni (2) akkuza, peress illi din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel. Fl-ahhar ma sabitx lill-imputat hati tat-tielet (3) u ir-raba' (4) akkuzi u ghaldaqstant illiberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Paul Lughermo pprezentat fit-12 ta' Dicembru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha fl-ewwel lok tirriforma is-sentenza moghtija fit-30 ta' Novembru, 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Krminali ippreseduta mill-Magistrat

Dottor Anthony G. Vella , fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Paul Lughermo' , billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitux hati tar-reat ta' vjolenza kontra il-privat (art. 251 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta), biza' ta' uzu ta' vjolenza (art. 251B) u tar-recidiva u fejn astjeniet mit-tieni akkuza dwar approprijazzjoni indebita (art. 293 u 294) billi din inghatat alternattivament ghall-ewwel akkuza dwar frodi, u thassar u tikkancella dik il-parti fejn sabitu hati tar-reat ta' frodi innominat taht l-artikolu 309 , bl-aggravju tal- valur taht l-artikolu 310 (1) (a) u tar-reat kontinwat u ikkundannatu ghal tliet snin prigunerija u minflok tilliberah minn kull htija, pieni u imputazzjoni skont il-ligi;
jew fit-tieni lok, f'kaz ta' cahda tat-talba premessa, sub-alternattivament tvarja l-istess sentenza f'dik il-parti li tikkoncerna l-piena ta' tliet snin prigunerija billi tiffissa terminu inqas skont ma jidhirlha xieraq l-Onorabbli Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

ILLI l-EWWEL AGGRAVJU jikkonsisti fil-fatt illi l-Ewwel Qorti in bazi ghall-unici fatti skjetti ppruvati u ghall-cirkostanzi ohra stabiliti, bir-rispett kollu, ma setghet qatt tasal ghall-konkluzjoni li l-Prosekuzzjoni ppruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, li l-appellant Paul Lughermo kkometta ghad-detriment ta' Emanuel Cutajar ir-reat ta' frodi nnominat taht l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni f'kull kaz trid tipprova mhux il-possibilta' li sehh ir-reat, lanqas li probabbli (cioe' aktar iva milli le ) li semmai hija l-prova fil-kamp civili, izda trid tilhaq grad ta' prova oghla cioe' “*a strong probabilty of guilt”*, kif jghid il-Professur Sir Anthony Mamo fin-noti tieghu meta jghid illi:
- “ If the evidence creates merely a possibility and not a strong probability of guilt or is as concistent with innocence as with guilt , it does not establish a prima facie case.” ( pagna 82)
- “ …... it may be stated as a clear proposition that a greater degree of conviction or a nearer approach to certainty is required to establish a criminal charge than is required in a civil case.” (pagna 93)

B' hekk , bir-rispett kollu, jigi sottomess li l-Gudikant biex jasal ghas-sejbien ta' htija, irid fuq il-fatti skarni ppruvati u fuq inferenzi fondati li johorgu minn fatti ohra jew cirkustanzi ohra ippruvati, meta jaghrbilhom u juza' biss ir-raguni tieghu, jasal bla tlaqliq u ezitazzjoni ghall-konvinzjoni morali tieghu li ir-reat sehh u s'intendi gie kommess mill-imputat .

Jekk bl-uzu biss tar-raguni tieghu, meta jgharbel il-fatti ppruvati, il-Gudikant ma jistghax jikkonkludi dwar il-htija o meno, allura jinsorgi d-dubbju dettat mir-raguni. U f'dak il-kaz ghandu jillibera.

Fil-kaz odjern , umilment jinghad illi il-fattispecie relatati mal-akkuza ta' frodi innominat u l-inferenzi li l-Ewwel Qorti siltet minn certu fatti ohra u cirkostanzi ippruvati, b'ebda mod ma setghu jinducu lill-Ewwel Qorti li tikkonkludi li il-Prosekuzzjoni ppruvat tali akkuza sal-grad rikjest ghall-fini ta' htija kriminali u cioe' lill hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Illi il-fatti skjetti ppruvati, jindikaw biss self 'brevi manu', bl-ewwel ripagament ikun dovut fil-5 ta' Gunju, 2012.

Il-fatti ippruvati huma biss illi:

- Lughermo kien talab lil Cutajar jisilfu xi flus, kif jirrizulta mir-'Report / Complaint Form' lill-Pulizija ta' Emanuel Cutajar a fol. 33 tal-process, fejn ighid b'referenza ghal Lughermo li *“talabni nsellfu xi flus”*, mix-xiehda tieghu a fol. 43 jikkonferma li silef il-flus lil Lughermo bhala habib u in kontro-ezami a fol. 107 jerga' jikkonferma is-self.
- Mat-talba ghas-self, l-appellant kien iwiegHed lil Emanuel Cutajar li ser ihallsu lura, kif jirrizulta fl-imsemmi Report /Complaint Form tieghu lill-Pulizija a fol. 33 tal-process u fix-xiehda tieghu a fol. 41, 97 u 99.
- Cutajar accetta t-talba u ghaddilu xi flejjes minn zbanki mill-kont bankarju tieghu (fol. 49 u 50), li ghamel fuq medda ta' zmien bejn Gunju u Lulju, 2010.
- Ma sar ebda ftehim dwar meta Lughermo kellu ihallas lil Cutajar lura u lanqas dwar imghax.
- Is-self kien bla skrittura, ' brevi manu'.
- Ma tirrizulta ebda allegazzjoni fix-xiehda tal-allegat vittma Emanuel Cutajar, li huwa gie mqarraq minn Paul Lugehrmo meta kien jghaddilu l-flus, izda jsostni biss li meta kien ghaddielu il-flus, l-appellanti kien dejjem iweghdu li ser ihallsu.

- L-appellanti debitur naqas li jibda ir-ripagamenti , bl-ewwel wiehed ikun dovut fil-5 ta' Gunju, 2012, kif hawn isfel spjegat.

Minn dawn il-fatti materjali unici, ippruvati lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, tohrog is-segwenti kunsiderazzjoni legali.

Il-karatteristci ewlenin ta' dan self kienu, li huwa self 'brevi manu', minghajr zmien meta ghandu jigi ripagat u minghajr imghax.

Dan kien negozju civili pur u japplika ghalih l-artikolu 1078(a) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), li jistipula hekk :

*“ Jekk iz-zmien ghall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni ikun gie imholli fir-rieda tad-debitur*

*jew*

*jekk ikun gie miftiehem illi id-debitur ghandu jesegwixxi l-obbligazzjoni meta jkun jista', jew meta jkollu il- mezzi biex jesegwiha, ghandhom jitharsu ir-regoli li gejjin :*

*(a) jekk l-obbligazzjoni li ghandha bhala oggett taghha il-hlas ta'somma ta' flus, dik ghandha tigi esegwita fiz-zmien sentejn jekk dik is-somma ghandha tinghata minghajr imghax........”*

Il-kaz de quo jinkwadra ruhu perfettament fil- partijiet sottolinejati fl-imsemmi artiklou , ghaliex ma gie mitiehem ebda zmien ghal meta kellhom jibdew ripagamenti u ergo' tali zmien thalla f' idejn ir-rieda tad-debitur Lughermo u ghaliex ma gie mitiehem ebda hlas ta' imghax.

Illi l-elementi tal- frodi innominat jikkonsistu tassattivament fil-gidba u f' atti esterni li jirrendu tali gidba konvicenti.

Filwaqt illi kif inghad is-sejbien ta' htija mill-Ewwel Qorti jirreferi ghar-reat ta' frodi innominat taht l-artikolu 309, huwa utli li issir referenza ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (ippreseduta mill-Onor. Imhallef Patrick Vella) fl- ismijiet: 'Il- Pulizija vs George Manicolo', deciza fil- 31 ta' Lulju, 1998, f' liema sentenza il-Qorti tispjega car l-elementi ta' frodi b' mezzi specfici taht l-artikolu 308, kif ukoll titfa' dawl fuq is-sinfikat u l-interpretazzjoni tar-reat ta' frodi innominat taht l-artikolu 309, relevanti ghal kawza odjerna

.

Fl-imsemmija sentenza l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell , kwantu ghar-reat ta' ' truffa' cioe' dik b' mezzi specifici taht l-artikolu 308, tghid illi :

“ *Sabiex jissusisti ir-reat ta' truffa , mhijiex bizzejjed is-semplici gidba , il-kliem menzjonier , izda huwa neccessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita' lil dik il- gidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom kultant anke atti teatrali . Irid ikun att jew atti li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali . ghandhom ikunu atti frawdolenti , li neccesarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali.*

*Minbarra il- gideb, irid ikun hemm l-ingann, ir-raggiri jew is-simulazzjoni li jwaslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f' dak li qed jigi lilu imwieghed mill-frodatur. Dan l-ingann ghalhekk ghandu jkun akkumpanjat b' artifizji , kwazi teatrali u mhux sempliciment weghdiet , promessi u kliem semplici.”*

Aktar relevanti ghall-kawza odjerna, dwar frodi innominat, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ikkumentat li:

“ *L-elementi li jikkostitwixxu id-delitt taht l-artikolu 309 tal-Kap 9* ( cioe' il-frodi innominat) *jistghu u anke huma komuni ghal dawk rikjesti ghad-delitt taht l-artikolu 308 tal Kap 9* (cioe' truffa)”

Minn dan l-ahhar kliem citat, johrog car illi ghall-fini ta' sejbien ta' htija ghar-reat ta' frodi innominat , il-kliem biss anke jekk jikkonsisti f'semplici gidba li tinduci lil xi hadd jghaddi xi flus jew hwejjeg ohra lil min sempliciment gidiblu u ma jaghmel xejn aktar minn hekk ma jwassalx ghas-sejbien ta' htija ta' frodi innominat .

Jehtieg ukoll li il-frodatur ikun wettaq atti esterni u cioe' atti fisici, li jirrendu il-gidba konvincenti u kredibbli, tant li flimkien il-gidba u l-atti esterni kellhom l-effett li jinducu fi zball lil min gie espost ghalihom u minhabba tali zball ghadda flus jew hwejjeg ohra lil parti l-ohra , liema proprjeta'/possedimenti altrimenti ma kienx jikkonsenjalu.

Biex il- Qorti tistabillixi jekk hemm ingann/qerq, prattikat kontra Emanuel Cutajar minn Paul Lughermo fl-otteniment tal-flus, il-Qorti trid tgharbel id-diskors u il-komportament tal-appellant fil-mument proprju li kien jottjeni il-flus.

Jigi premess u bir-rispett kollu enfazizzat f'dan il-kuntest u ghall-ahjar inkwadrar ta' dan l-appell, illi mhux biss l-appellanti Paul Lughermo kull meta ottjena il-flus mill-allegat vittma Emanuel Cutajar ma wettaq ebda atti esterni li setghu impressjonaw lil Emanuel Cutajar biex jghaddilu il-

flus, izda l-uniku diskors li huwa kien ighid lill-kreditur Cutajar kienu jikkosistu biss fit-talba biex isellfu l-flus u fil-weghda li ser itihomlu lura, liema diskors lanqas biss fih iniffsu ma jikwalifika bhala 'gidba'.

Illi il-weghda tar-ripagament mill- appellant lil Cutajar, u in-nuqqas eventwali tar-ripagament ma jirrendux il-weghda bhala gidba.

Il-Qorti, umilment jigi sottomess ma ghandhiex tqis weghda ta' ripagament ta' self bhala gidba, fuq il-fatt illi sussegwentement ghall-mghoddija tal-flus l-appellant ma wettaq ebda ripagament jew li tali nuqqas ta' ripagament jimmanifesta intenzjoni ta' frodi fil-mument tal-otteniment tal-flus . Dan ghaliex , jekk ir-reat ta frodi innominat sehhx jew le, huwa marbut biss ma meta gew mghoddija il-flus u mhux man-nuqqas sussegwenti li jonora l-obbligu civili ta' ripagament, liema ripagament a tenur tal-artikolu 1078 tal- Kapitolu 16 sar dovut ghall-ewwel darba fil-5 ta' Gunju, 2012 , kif gia' spjegat.

Bl-istess mod l-obbligu li jirrifondi lura l-ammonti l-ohra mislufa lil Lughermo wara l-ewwel self tal-5 ta' Gunju, 2010 , kien jinsorgi sentejn mid-data ta' kull self sussegwenti.

Fil-mument li nhargu l-akkuzi kollha, kompriz dik ta' frodi innominat, li dwar l-uniku sejbien ta' htija fir-rigward taghha qed isir l-appell odjern, u cioe' fit-22 ta' Marzu, 2011, l-ewwel ripagament ta' Eur 100, kien jonqsu aktar minn sena u xahrejn qabel ma jsir dovut fil-5 ta' Gunju, 2012.

Illi il-weghda tar-ripagament mhux onorat, anche jekk stess meqjusa bhala gidba ma tirriflettix frodi.

Kieku dato ma non concesso, il-Qorti kellha tqis in-nuqqas tar-ripagament bhala indizju li meta l-appellant issellef l-ewwel ammont fil-5 ta' Gunju, 2010 , segwit b'self ta' ammonti ohra , li kull darba li wieghed lil Emanuel Cutajar li ser ihallsu, kien gidiblu, per se tali weghda hekk meqjusa gidba, xorta gialadarba mhux akkumpanjata minn atti esterni/fisici ta' ingann, ma tistghax twassal ghas-sejbien ta' htija fir-reat ta' frodi innominat.

Illi il-fatti releventi ghall-akkuza, huma dawk li jippreciedu l-akkuza. Ghal massimu, in-nuqqas ta' ripagament meta jisir dovut, jista' biss isservi bhala cirkostanza li issahhah ix-xiehda dwar il-gidba u l-atti esterni.

Bhal f' kull kawzi ohra, specjlment ta' natura kriminali, umilment jinghad illi sabiex il-Qorti tkun f'pozizzjoni li tistabilixxi htija o meno ghall-akkuza ta' frodi innominat moghtija fit- 22 ta' Marzu, 2011, il-Qorti ghandha tgharbel biss il-fatti precedenti ghad-data tal-akkuza.

Sa l-imsemmija data , l-unika fatti accertati huma li:

- sar self fuq l-idejn ta' certu ammont bejn Gunju, 2010 u Lulju, 2010 minn Emanuel Cutajar lil Paul Lughermo.
- ma sar ebda ftehim dwar meta kellhom isiru ir-ripagamenti u anqas dwar imghax, biex 'ex lege' ir-ripagamenti kellhom jibdew fil-5 ta' Gunju, 2012.

In-nuqqas ta' ripagament ta' ammont li jkun sar dovut, jista' jkollu utilita' ghall-Prosekuzzjoni f'kaz illi dan in-nuqqas ikun issusista qabel il-hrug tal-akkuza. Jigi pero' ' umilment ribadit illi tali utilita' mhijiex wahda assoluta, fis-sens illi tali nuqqas per se avverat qabel il-hrug tal-akkuza, wahdu ma jista' qatt jikkostitwixxi prova illi meta id-debitur ottjena il-flus jew l-oggett , dan l-otteniment ghamlu b' intenzjoni ta' frodi.

F' tali xenarju , jibqa' dejjem jinkombi l-obbligu fuq il-Prosekuzzjoni li iggib il-prova taz-zewg elementi li jikkostitwixxu ir-reat ta' frodi innominat u cioe' li id-debitur f' diskorsu mal-kreditur ikun gideb u li kien ikkometta certi 'atti esterni' li irrendew l-gibda kredibbli, liema zewg fatturi flimkien inducew lill-kreditur fi zball, u bil-kunsens tieghu hekk ivvizjat, irrilaxxa flusu jew hwejjgu f' idejn id-debitur.

Ghall-massimu, in-nuqqas ta' ripagament gia' dovut, jista' biss isservi bhala cirkostanza li issahhah ix-xiehda dwar il- gidba u l-atti esterni. Minghajr il-prova tal-gidba u l-atti esterni tad-debitur fil-mument li gew mghoddija il-flus, in-nuqqas ta' ripagament gia' dovut jikkostitwixxi biss ksur tal-obbligu civili.

Ghalhekk certament fil-fattispecie tal- kaz , jigi umilment sottomess illi in-nuqqas ta' ripagament bl-ewwel wiehed dovut fil-5 ta' Gunju, 2012, cioe' aktar minn sena u xahrejn wara li kienet iharget l-akkuza ta' frodi innominat, b' ebda mod ma jista' jiqies bhala manifestazzjoni ta' intenzjoni tal-appellant debitur, li meta ottjena il-flus, bl-ewwel self ikun fil-5 ta' Gunju, 2010, kien ottjenihom bhala qliegh b' qerq ghad-detriment tal-kreditur Emanuel Cutajar.

Kieku l-morosita' fil-hlas lura ta' self, kellha titqies li tekwivali ghal intenzjoni ta' frodi, ftit ikunu id-debituri fuq self li jiskansaw proceduri kriminali simili, billi hafna huma id-debituri moruzi fir-ripagament dovuti.

Illi l-appellant f'ebda waqt tas-self, ma wettaq pressjoni jew maniggi fuq Cutajar.

L-Ewwel Qorti irrimarkat fil-konsiderandi taghha illi *" Fis-sajf tas-sena 2010, l-imputat beda jissellef ammonti ta' flus minghand Cutajar, b' mod li anke kien imur wara l-bieb tad-dar tieghu u jgeghlu johrog mid-dar u jmur il- bank sabiex jigbed il-flus u jaghtihomlu."*

L-Ewwel Qorti , gustament u certament wara li apprezzat din ix-xiehda, illiberat lill-appellanti mill-akkuza ta' vjolenza fuq il-privat (art. 251) u biza ta' uzu ta' vjolenza (art. 251B) u dana peress illi fi kliemha *"...... sabiex tirrizulta il-biza li ser tintuza il-vjolenza ai termini tal-artikolu 251 u 251B , trid tinwera dak li jissejjah ' course of conduct' apparti li jrid ikun hemm theddid reali. Mill-provi prodotti, ma jidhirx li kien hemm xi forma ta' theddid fil-veru sens tal-kelma u ghalhekk din l-imputazzjoni ma tirrizultax ippruvata."*

Jidher pero' illi meta l-Ewwel Qorti tghid illi l-appellant kien *'igieghel'* lil Cutajar johrog minn daru u jgiblu il-flus mill-bank, u meta, filwaqt li lliberatu mill-akkuzi ta' vjolenza fuq il-privat u biza ta' uzu ta' vjolenza etc., il-Qorti xorta uzat il-kliem *" ma jidhirx li kien hemm xi forma ta'theddid fil-veru sens tal- kelma"*, l-Ewwel Qorti donnha qed timplika illi fl-iter tal-fatti li waslu sal-eventwali self, l-appellant kien jaghmel xi forma ta' pressjoni jew maniggi fuq l-allegat vittma Emanuel Cutajar, u ergo' Cutajar meta kien jghaddi l-flus lill-appellant, ma kienx liberu fid-decizjoni tieghu li jghaddilu il-hlas u ghalhekk il-kunsens tieghu fil-mument tal-mghodijja tal-flus, kien ivvizjat b'xi 'atti esterni' tal-appellant.

Bir-rispett kollu,din l-ideja li Emanuel Cutajar seta' gie 'imgieghel' jew li l-appellant kellu xi forma ta' sopravent, jew li kien hemm xi maniggi fuq Emanuel Cutajar, mhijiex sostnuta mill-provi.

Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni a fol. 100, dwar ir-raguni ghalfejn kien jghaddilu il-flus, b' domanda diretta u cioe' jekk *"....... kien hemm xi raguni ohra li forsi tiddejjaq minnu int ?"*, ir-risposta ta' Cutajar kienet *'Le, le. Tajthomlu jiena."*

A fol. 101, meta mistoqsi mill-Qorti: *“ Kien iweghdek xi haga jew kien jghidlek jekk ma ittihomlix naghmillek xi haga?”* Ix-xhud iwiegeb: *“Le qatt ma qalli hekk.”*

A fol. 104, meta mistoqsi mill-Qorti: *“ Kif kien igib ruhu mieghek is-Sur Lughermo? Kif kien jittrattak lilek?"* Cutajar iwiegeb: *“Qatt ma ghamilli xejn ...”* u li kien jimxi *“normali”* mieghu *“tajjeb”.*

A fol. 107, Cutajar jghid in kontro-ezami li qatt ma ghajjat mieghu, qatt ma kien vjolenti mieghu, izda sempliciment li Lughermo kien jitolbu biex jisilfu xi haga u hu kien itih.

Dawn il-fatti ex admissis mill-allegat vittma Cutajar:

- li ma kienx jiddejjaq minn Lugermo;
- li ghajr ghal weghda tar-ripagament tipika f'kull self qatt ma weghdu li itih xi haga biex jinducih , kontra qalbu , jirrilaxa il-flus minn idu;
- li Lughermo qatt ma qallu li jekk ma jtihomlux jaghmillu xi haga;
- li Lughermo kien jikkomporta ruhu b'mod 'normali' u 'tajjeb' mieghu-------

------- komplessivament juru li ma kien hemm xejn la fil-kliem u la fl-atti esterni tal-appellant li jindikaw li uza xi forma ta' pressjoni jew maniggi fuq Cutajar jew li Cutajar hassu imgieghel jew sottomess ghal Lughermo. Kull ma kien jaghmel l-appellant, kien li jitolbu il-flus u jweghdu li ser ihallsu lura.

Illi il-fatt tal-vulnerabilita' ta' Emanuel Cutajar, ma jimplikax li l-appellant abbuza minnu fil-mument li kien jottjeni il-flus.

Kif gia' citat mis-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell: 'Il-Pulizija vs George Manicolo',

l-elementi essenzjali tar-reat ta' frodi innominat, huma li il-frodatur kien gideb f'diskorsu u wettaq xi att iehor “estern li jaghti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba”, liema fatturi flimkien ikunu inducu lill-vittma fl-izball u ikkonsenja lill-frodatur dak li altrimenti ma kienx jghaddilu .

L-Ewwel Qorti osservat, in bazi ghax-xiehda tal Psikjattra Dr Joseph Vella Baldacchino u ghax-xiehda tas-Social Worker Kristina Farrugia , li Emanuel Cutajar kien*“ persuna b' kundizzjoni mentali.”,* kellu *“ learning disabilty”,* kien *“ facilment sfruttat minn terzi”,* u li huwa *“bniedem vulnerabbli hafna”*, u f' dan il- kwadru, l-Ewwel qorti ikkonkludiet li:

“*L-imputat ha vantagg mill-genwinita' u nuqas ta' hazen ta' Cutajar, billi b'hazen gieghel lil Cutajar, jaghtih ammonti ta' flus.”*

Bir-rispett kollu il-kundizzjoni ta' 'vulnerabilta' per se ta' Cutajar hija dik li hi u cioe' kundizzjoni tal-allegat vittma. U b' ebda tigbid ta' interpretazzjoni legali ma tista' tigi ekwiparata mat-tieni element rikjest fir-reat tal-frodi innominat cioe' l-element ta' xi att 'estern' li gej mill-appellant.

Ma jistghax ipso facto jitqies, kif bir-rispett kollu zbaljatament qieset l-Ewwel Qorti, li ghax Emanuel Cutajar huwa persuna 'vulnerabbli', allura bil-fors jimplika li Paul Lughermo fl-otteniment tal-flus mislufa, abbuza mill-istat ta' Emanuel Cutajar.

Mhux biss ma ngibitx prova li l-appellanti approfitta ruhhu mil-kundizzjoni ta' Emanuel Cutajar, izda l-inferenza li siltet l-Ewwel Qorti ta' 'sfruttar' b' mod qarrieqi, attribwit lill-appellanti kontra Emanuel Cutajar, hija kontradetta mill-istess xiehda ta' Cutajar, kif gia' riferit u cioe':

- li ma kienx jiddejjaq minn Lugermo;
- li ghajr ghal weghda tar-ripagament tipika f'kull self qatt ma weghdu li itih xi haga biex jinducih, kontra qalbu, jirrilaxa il-flus minn idu ;
- li Lughermo qatt ma qallu li jekk ma jtihomlux jaghmillu xi haga;
- li Lughermo kien jikkomporta ruhu b'mod 'normali' u 'tajjeb' mieghu.

Illi is-silenzju tal-imputat, li ma ghamilx stqarrija mal-Pulizija u li ma xehedx, ma jistghax jitqies bhala sostitut ghan-nuqqas ta' provi fil-mertu dwar il-frodi nnominat.

L-Ewwel Qorti irrimarkat: *"L-imputat ghazel li ma jixhidx, u fl-istqarrija esebita fl-atti, kien ghazel ukoll li ma jwigibx ghal ebda domanda li saritlu. Ghalhekk il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni ma kienux kontradetti jew kontestati..."*

U aktar il-quddiem il-Qorti tirrimarka ukoll illi: *"...b' din il-pozizzjoni li ghazel li jiehu (*l-imputat) *, il-Qorti m' ghandhiex il-verzjoni tieghu biex tikkontradici il-verzjoni moghtija mill-Prosekuzzjoni."*

Fuq dan l-aspett tas-silenzju tal-appellant, tqum il-kwistjoni jekk fil-fattispecie tal-kaz, is-silenzju tal-appellant imputat ghandux jitqies bhala korroborazzjoni, mhux tant tal-verzjoni tal-Prosekuzzjoni (ghaliex il-verzjoni tista' tkun biss ibbazata fuq il-fatti ppruvati), izda tal-fatti unici li l-Prosekuzzjoni ppruvat lill hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Huwa utli li jergghu jigu elenkati l-unici fatti ppruvati u cioe' li:

- Lughermo kien talab lil Cutajar jisilfu xi flus, kif jirrizulta mir-'Report/Complaint Form' lill-Pulizija ta' Emanuel Cutajar a fol. 33 tal-process, fejn ighid b'referenza ghal Lughermo li

*"talabni nsellfu xi flus"*, mix- xiehda tieghu a fol. 43 jikkonferma li silef il-flus lil Lughermo bhala habib u in kontro-ezami a fol. 107 jerga' jikkonferma is-self;

- Mat-talba ghas-self, l-appellant kien iwieghed lil Emanuel Cutajar li ser ihallsu lura, kif jirrizulta fl-imsemmi Report /Complaint Form tieghu lill-Pulizija a fol. 33 tal-process u fix-xiehda tieghu a fol. 41, 97 u 99;
- Cutajar accetta t-talba u ghaddielu xi flejjes minn zbanki li ghamel fuq medda ta' zmien bejn Gunju u Lulju, 2010 (fol. 49 u 50);
- Ma sar ebda ftehim dwar meta Lughermo kellu jhallas lil Cutajar lura u lanqas dwar imghax;
- Is-self kien bla skrittura, 'brevi manu';
- Ma tirrizulta ebda allegazzjoni fix-xiehda tal-allegat vittma Emanuel Cutajar, li huwa gie mqarraq min Paul Lugehrmo meta kien ighaddilu l-flus, izda issostni biss li meta kien jghaddilu il-flus, l-appellant kien dejjem iweghdu li ser ihallsu;
- L-appellant debitur naqas li jibda ir-ripagamenti, bl-ewwel wiehed ikun dovut fil- 5 ta' Gunju, 2012.

Fuq dan l-aspett tas-silenzju tal-imputat, il-Professur Sir Anthony Mamo fin-noti tieghu jghid: "*(Silence) is not sufficient to rebut so strong a presumption as that of innocence...."* (pagna83)

Dwar il-korroborazzjoni jghid fost ohrajn illi : *" The corroboration required is independent evidence which............ must confirm....... the evidence that the crime has been committed."* (pagna 96)

F' pagna 97, il- Professur Mamo, b'referenza ghas-silenzju fl-interogatorju mill-Pulizija u waqt is-smiegh tal- kawza, li : *" ... the mere non-denial of an offence by the prisoner when formally charged by a Police Officer is not corroboration, nor is the fact that the defendant does not go into the witness box at the trial."*

F' pagna 82, ighid illi : *"Where a case has been made out, the defendant, if he chooses, may offer no evidence in reply , and it by no means follows that he must be convicted because he has made no reply."*

Jigi umilment sottomess illi l-unici fatti ppruvati u fuq appenna re-elenkati, gja minnhom infusfom mhumiex indikattivi li fl-otteniment tal-flus, l-appellant wettaq xi atti ta' frodi kontra Cutajar.

Il-fatt tas-silenzju tal-appellant ma jistghax jitqies bhala fattur li jikkorrobora it-tezi ta' frodi tal-Prosekuzzjoni, meta il-fatti per se kkonfermati mill-istess allegat vittma ma jindikaw ebda intenzjoni ta' frodi mill-appellant. U s-silenzju tal-appellant ma jistghax jissostitwixxi in-nuqqas ta' prova fil-mertu.

Illi s-silenzju tal-imputat jimplika rikonoxxenza tal-obbligu tar-radd lura tal-flus u mhux in-negazzjoni.

Minn aspett iehor dwar is-silenzju, l-Ewwel Qorti enfazizzat il-fatt li l-appellant bis-silenzju tieghu, naqas li *“....... almenu jindika jekk kienx hemm ftehim li jrodd dawn il-flus lura lil Cutajar, jew almenu kellux il-hsieb li jroddhom lura.”*

Dwar jekk kienx hemm ftehim li jrodd il-flus lura, l-appellant ma kien jehtieglu xejn xi jzid jew x' jikkontesta max-xiehda ta' Emanuel Cutajar, cioe' li dan kien silfu il-flus.

Mix-xiehda ta' Cutajar, hareg car li l-flus gew mislufa 'brevi manu' minghajr ebda ftehim miktub u ebda ftehim verbali dwar iz-zmien ghar-ripagament jew dwar imghax. Is-silenzju tal- appellant jindika car li s-self huwa ammess u konsegwentement l-obbligu tar-radd lura tal-flus johrog mill-ligi . Ghalhekk ma kien hemm assolutament ebda htiega li l-appellant jixhed biex jisjega jekk kienx hemm *'ftehim li jrodd il-flus lura',* ghaliex l-obbligu tar-radd lura johrog 'ex lege' mill-fatt li is-self li dwaru xehed Cutajar stess, gie ammess mill-istess appellant bis-silenzju tieghu.

L-unika kontestazzjoni, huwa, kif jigi spjegat il-quddiem li l-ammont misluf mhuwiex “madwar Eur11,000” kif ireteniet l-ewwel Qorti, izda pjuttost vicin l-Eur10,000.

Is-silenzju tal-appellant li bih b'hekk ma ddijartax jekk *“.....almenu kellux il-hsieb li jrodd..”* il-flus lura, la jista' jiqies indizju li ma jridx irodd il-flus lura u wisq aktar ma jikkostitwixxix indizju li fl-att proprju tal-otteniment tal-flus, bl-ewwel self isehh fil-5 ta' Gunju, 2010 ta' Eur100, ippratika xi frodi konsistenti f' xi gidba abbinata ma' u reza konvincenti minn xi atti esterni, li waslu biex jinducu li Emanuel Cutajar fi zball u spicca ghaddielhu flus kontra il-volonta' integra tieghu.

Illi l-akkuza ta' 'frodi innominat' ma gietx ippruvata lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

L-istess kliem tal- Ewwel Qorti meta tghid :

" *Fl-assenza tal-verzjoni tal-imputat, il-Qorti tista' biss tiehu dik tal-Prosekuzzjoni li fil-verita' tidher verzjoni kredibbli u plawsibbli u timxi fuqha."*, bir-rispett kollu ma jirriflettix konvinciment morali f'mohh il-Qorti li l-akkuza ta' frodi nnominat giet ippruvata mill-Prosdekuzzjoni lil hin minn kull dubju detat mir-raguni, ghaliex ghall-fini ta' sejbien ta' htija, il-'plawsibilta' li hija efftivament l-ekwivalenti tal-probabilita' cioe' dak li x' aktarx sehh, mhijiex sufficjenti fil-kamp kriminali. Hija sufficjenti biss fil-kamp civili.

Biex tregi t-tezi tal-Prosekuzzjoni u b'hekk imputat fi kwalunkwe reat jinstab hati, il-kaz taghha irid jigi ppruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, li jfisser li jehtieg li jintlahaq grad ta' prova oghla mill-plawsibilita' ossija il-probabilita', u cioe' kif ighid il-Professur Sir Anthony Mamo f'pagna 82, jehtieg li tigi stabilita *' strong probablity of guilt'.*

Dan il-grad ta' prova ma intlahaqx fil-kaz odjern mhux biss ghar-rigward tal-akkuzi li Paul Lughermo gie lliberat minnhom mill-Ewwel Qorti, izda anke fir-rigward tal-akkuza ta' frodi innominat, mertu ta' dan l-appell.

ILLI IT-TIENI AGGRAVJU jirrigwarda il-punt li l-Ewwel Qorti dwar il-piena, ghad illi fil-limuti sew tal-latitudni li tipprovdi il-ligi, setghet tkun iktar miti in vista tas-sentenzi ohra tal-Qrati taghna dwar reati ta' gravita' simili.

L-appellant fit-tieni lok umilment jitlob, u dana dejjem minghajr pregudizzju, illi fl- eventwalita' li din l-Onorabbli Qorti tichadlu it-talba ghar-revoka ta' sejbien ta' htija mill-Ewwel Qorti kwantu ghar-reat ta' frodi innominat (art.309), joghgobha tirrevedi u tnaqqas il-piena ta' prigunerija ta' tliet snin moghitja mill-Ewwel Qorti relattivament ghal dan ir-reat .

Ir-raguni principali ghal din it-talba ghat-tnaqqis fil-piena ta' priguneriija qed issir fl-isfond tal-mod kif b'sentenzi ohra dwar reati ta' natura u gravita' simili, il-Qrati taghna ddecidew dwar it-terminu ta' prigunerija b' mod aktar mitigat.

L-appellant umilment ukoll jitlob li l-Onorabbli Qorti, f' kaz ta' revizjoni tal-piena, joghgobha tqis il-kundizzjoni ta' sahhtu, billi huwa dijabetiku kif jirrizulta minn Dok PL3 ezebit quddiem l-Ewwel Qorti. Huwa jiehu diversi medicini kif jirrizulta min Dok PL2 u PL5.

L-ammont proprju tal-flus mghoddija lill-appellant.

Ghal fini ta' kunsiderazzjoni ta' piena, ghandu qabel xejn jigi stabilit kemm bejn wiehed u iehor, kien l-ammont ottenut mill-appellant.
L-Ewwel Qorti rriteniet li l-ammont in kwistjoni kien ta' madwar hdax il-elf euro (Eur11,000) , b' konferma ta' dak indikat mill-Prosekuzzjoni fl-akkuza. Il-provi pero' juru li l-ammont kien inqas. Emanuel Cutajar a fol. 97 jikkonferma li l-flus mislufa lil Lughermo huma dawk kollha li kellu fil-bank. Ghalhekk m' hemmx dubbju li l-uniku sors ta' dawn il- flus huwa biss il-kont bankarju , li jinsab a fol. 48 sa 50, fejn hemm indikati xi 'withdrawals'. Dan huwa ' savings account'. Kont iehor 'Term deposit account – fixed' a fol. 51 ma kienx oggett tas-sors ta' minn fejn Cutajar hareg il-flus.
Emanuel Cutajar fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija a fol. 33, ighid illi ghal habta ta' Gunju, 2010 , Lughermo kien mar mieghu il-Bank u tah mitt euro (Eur 100) . Fil-fatt fl-istatement a fol. 49, jikkonferma li dan l- ewwel self sehh fil- 5 ta' Gunju, 2010 . Din id-data hija proprju il-'cut-off date', minn meta bdew jigu mghoddija il-flus minn Cutajar lil Lughermo.

L-ammont zbankat skont il-bank statement a fol. 49 u 50, b' effett mill-5 ta' Gunju, 2010 , u li huma ndikati bhala 'withdrawal' huma is-segwenti :
5 ta' Gunju, 2010 : Eur 100
19 ta' Gunju, 2010 : Eur 250
25 ta' Gunju, 2010 : Eur 200
26 ta' Gunju, 2010 : Eur 50
3 ta' Lulju, 2010 : Eur 200
8 ta' Lulju, 2010 : Eur 300
8 ta' Lulju, 2010 : Eur 3,975
12 ta' Lulju , 2010 : Eur 4000
15 ta' Lulju, 2010 : Eur 700
20 ta' Lulju, 290 : Eur 290

L-istatement tal- bank jindika li l-izbanki sehhew f'Gunju u Lulju, 2010 bl-ahhar wiehed ikun fl-20 ta' Lulju, 2010. L-istatement jaghti ammont totali ta' zbanki ta' ghaxart elef u hamsa u sittin euro (Eur10,065) u mhux Eur11, 000.

A fol. 108 u 109, Emanuel Cutajar jixhed li jhallas kera ta' mitejn euro (Eur200) fix- xahar bhala kuntribuzzzjoni tieghu tad-dar fejn joqghod ma' zewg ko-inkwilini ohra fin-Naxxar. Ukoll huwa jhallas il-kontrinbuzzjoni tieghu tad-dawl u tal-ilma u johrog ukoll il-flus ghall-ikel.

Ghalhekk certament talinqas ghal dawn ix-xahrejn ta' Gunju u Lulju, 2010 meta hareg il-flejjes in kwistjoni mill-kont tieghu kellu:

- Eur 400 bhala kera;
- Eur 100: ragjonevolment bhala minimu ta' dawl u ilma;
- Eur 427: ragjonevolment bhala ammont totali ghall-ikel tieghu, bir-rata ragjonevoli minima ta' tmien euro (Eur 8 /Lm3).

B' hekk filwaqt li f'Gunju u Lulju, 2010, zbanka Eur 10,065 mill-kont tiegh, minn dan l-ammont , talinqas zgur ghandu jitnaqqas ammont ta' Eur 927, ghal bilanc ta' €9138 (Lm3,922.88) li ipotetikament seta' ghadda lil Paul Lughermo, u mhux il-Eur 11,000 (Lm 4721) indikati fl-akkuza u kif ritenut mill- Ewwel Qorti.

Pieni simili ghal frodi innominat u serq fejn il-valur jaqbez Eur2329.37.

Illum u b' effett mis-sena 2002 , skont l-arikolu 309 abbinat mal-aggravju tal-artikolu 310(1)(a), meta l-ammont ta' hsara fi frodi innominat, huwa aktar minn Eur 2329.37 (Lm1000), il- piena hija ta' bejn tlettax il- xahar u seba' snin prigunerija.

Din hija anke l-istess piena odjerna ghar-reat ta' serq aggravat bl-istess valur taht l-artikolu 279(b) , li ilha hekk talinqas sa mill- 1981.

B' effett mis-sena 2002 , il- Legislatur kwantu ghall piena pogga fuq l-istess skala ta' gravita' dawn iz-zewg reati, billi akkorda l-istess perjodu ta' prigunerija ta' bejn tlettax il- xahar u seba' snin habs.

Sas- sena 2002, il-massimu ta' piena ghar-reat ta' frodi nnominat, kien ta' mhux iktar minn disa' xhur prigunerija, bl-oghla aggravju taht l-artikolu 310(1)(a) ikun meta l-ammont ikun iktar minn hames mitt lira Maltin (Lm500), bil- piena tizdied ghal zewg jew tliet gradi.
Il- ligi ma kinitx tipprovdi ghal meta il- hsara taqbez l-elf lira Maltin (Lm 1000/ Eur 2329.37) , biex b' hekk legalment kwalunkwe hsara, teccedi b' kemm teccedi l-Lm500 f'kaz ta' frodi nnominat, kien sas-sena 2002 punibbli ukoll b' massimu ta' sena prigunerija. Ipotetikament sa ghaxar snin ilu, l-appellant ma kienx jehel aktar minn sena habs .
Mill- banda l-ohra fl-istess zmien, cioe' fis-sena 2002 u ghal hafna snin qabel, sa minn ta' l-inqas l-1981, kif premess is-serq aggravat b'aktar minn Lm 1000, kien gia' punibbli kif inhu llum u cioe' bejn tlettax il- xahar u seba' snin prigunerija taht l-artikolu 279(b).

Fl-isfond tal-pieni addotati mill-Qrati taghna , fil-kaz ta' serq aggravat bil-valur in eccess ta' Lm 1000 (Eur 2329.37) u sabiex tkun tista' tinstielet linja gwida gusta fir-rigward ta' piena xierqa fil-kaz odjern dwar frodi nnominat meta l-ammont similment jeccedi tali cifra, umilment issir referenza ghas-segwenti zewg kawzi.

Il-Pulizija (Spettur Paul Bond) vs John Galea u Paul Galea (Appell 243/02 deciza 31/02/03- Onor. Imhallef Joseph Galea Debono).

F' dan il- kaz , l-Ewwel Qorti sabet lill-imputati hatja ta' serq ta' karozza ta' valur ta' Lm 3950, kif ukoll ta' flus li kien hemm fiha fl-ammont ta' Lm 11,500 ghal total ta' valur ta' Lm 15,450 u imponiet fuq l-imputati piena ta' habs ta' sentejn sospizi, u dan dejjem fil-latitudni applikabbli ta' bejn tlettax il- xahar u seba' snin habs taht l- artikolu 279(b).
Il-Qorti tal-Appell kienet irrevokat din is-sentenza u illiberat lill-appellanti billi qieset li il-kaz ma kienx wiehed ta' serq izda ta' 'ragion fattasi' u billi ma kienx hemm din l-akkuza ta' 'ragion fattasi' u dan ir-reat lanqas hu inkorporat fis-serq, illiberat lill-appellanti imputati kompletamanent.
Il-punt li qed jigi sottomess mhuwiex tant dwar l-appell u raguni tal-liberatorja, izda li meta l-Ewwel Qorti sabet lill-imputati hatja ta' serq aggravat bil-valur fl-ammont ta' Lm15,450, fil-latitudni ta' tlettax il- xahar sa seba' snin habs, wahlithom piena ta' sentejn habs.

Il- valur tal-ammont ritenut misruq skont l-Ewwel Qorti fl-imsemmi kaz, huwa kwazi
erba' darbiet iktar mill-Lm4000 ossija Eur9265 fil-kaz odjern li gew moghdija lil Paul Lughermo.

Ghalhekk umilment, certament jekk ghall-ammont ritenut (mill-Ewwel Qorti) misruq ta' aktar minn Lm 15,000 (hmistax il-elf lira) ghaxar snin ilu, il- piena ta' prigunerija giet iffissata ghal sentejn fil-latitudni ta' tlettax il-xahar sa seba' snin, ghall-ammont f'massimu ta' Lm 4000 mghoddija lill-appellant sentejn u ftit xhur ilu, fl-istess latitudni ta' piena taht l-artikolu 310(1)(a) kwantu ghal frodi innominat (art.309), umilment jinghad illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkalibra piena ta' prigunerija li ma taqbiz is-sentejn.

It-tieni kaz relevanti fl-isfond ta' din l-analizi dwar piena gusta, hija l-kawza: Il-Pulizija vs Jean Claude Cassar (Appell 12 ta' Lulju, 2004) .

L-Ewwel Qorti sabet lill-imputat hati ta' serq aggravat bil-valur ta ' cigarette vending machine', li tiswa' Lm 2180, li l-imputat kien recidiv u wahlitu piena ta' ghaxar xhur prigunerija, addirittura taht il- latitudni stipulata bl-artikolu 279b ghal serq aggravat bil-valur ta' aktar minn Lm1000 ta' bejn tlettax il- xahar u seba' snin habs.

L-imputat kien anke instab hati bl-aggravju tal- mezz u tal hin.

Il-misjub hati appella ghar-revoka tal-htija jew ghall-varjazzjoni tal-piena. Izda il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti dwar serq aggravat u ikkonfermat is-sentenza ta' ghaxar xhur prigunerija.

Fil-kaz odjern, l-esponenti allegatment iffroda il-masimu ta' Lm 4000 (€9,265) , cioe' inqas mid-doppju ta' dak li seraq Jean Claude Cassar.

Dejjem assolutament minghajr pregudizzju ghad-difiza tal-esponenti li mhuwiex hati ta' ghar-reat ta' frodi nnominat, jekk din l-Onorabbli Qorti tikkonferma is-sentenza ta' htija tal-Ewwel Qorti, umilment jintalab li in vista tas-sentenzi citati li bhal kaz ta' frodi nnominat meta l-hsara teccedi l-Eur2,329.37 (Lm1000), il-latitudni ta' prigunerija hija simili ta' bejn tlettax il-xahar u seba' snin, li din l-Onorabbli Qorti tirrevedi il-piena ta' prigunerija ghal wahda ta' li taqa' bejn il-minimu legali ta' tlettax il-xahar u sentejn.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-fatt li l-ewwel Qorti ma kinitx korretta fis-sejbin ta' htija dwar l-ewwel akkuza.  Ghal dan il-fatt, l-abbli difensur tal-appellant hejja rikors ferm dettaljat li hu riportat hawn fuq.  Il-fulcrum ta' dan l-appell hu li l-appellant ma wettaq xejn hazin meta hu talab il-flus lil Emanuel Cutajar.  Fil-fatt, l-appellant issellef minghand Cutajar is-somma ta' ghaxar telef u hamsa u sittin centesimu euro (€10,065), kif jirrizulta min analizi ta' l-istatement bankarju li jinsab in atti.  Ghandu jinghad li matul il-mori ta' dan l-appell, l-appellant iddepozita s-somma ta' elf u tmien mitt euro (€1,800) fil-Qorti bhala hlas in parte ta' din is-somma.  Din il-Qorti qed taghmilha cara li dan il-fatt ma jfissirx xi ammissjoni ta' htija.

Illi l-htija tal-appellant jirrizulta mill-fatt li l-appellant uza l-ascendent tieghu fuq il-parte civle biex igieghel lil Cutajar iselliflu dawn il-flus.  Din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-ewwel Qorti izda tosserva li l-fatt li l-appellant ma offriex ix-xieda tieghu ma jistax jittiehed bhala element negattiv fid-difiza tieghu.  Din il-Qorti qrat b'attenzjoni kbira ix-xiehda tal-parte civile, kif ukoll tat-tabib li ghandu in kura l-istess.  Jidher car li ghalkemm ma hemmx l-elementi klassici tar-reat in kwistjoni, izda jidher car li l-appellant utilliza l-fatt ta' l-istat ta' sahha ta' Cutjara biex jircievi l-flus b'mod qarrieqi.

Illi dar il-piena l-appellant ghandu ragun jilmenta li l-piena ta' tlett snin prigunerija hi piena oneruza zzejjed.  Din il-Qorti trid li l-appellant jrodd il-bilanc ta' tmien telef mitejn u hamsa u sittin euro (€8,265) u piena karcerarja f'dan il-kaz tkun kontr-producenti biex il-vittma tigi risarcita tal-bilanc dovut.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tichad l-appell ta' Paul Lughermo u qed tikkonferma s-sentenza appellata.  Dwar il-piena.  Thassar u tirrevoka l-piena karcerarja u minflok wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' sentejn prigunerija liema piena ma sehh hlief jekk l-appellant jikkometti rear iehor li ghalih hemm il-piena tal-prigunerija fi zmien erba' snin mil-lum.  Rat l-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali u tordna lill-appellant li jhallas is-somma ta' €8,265 lil Emanuel Cutajar fi zmien sitt xhur mil-lum.